MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Numru. 561/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Nazzareno Mifsud**

Kaz Numru: 561/2012

Illum 6 ta’ Novembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Nazzareno Mifsud**, bin John u Rita neé Sultana, imwieled fil-11 ta’ Awwissu 1966, residenti fil-fond Edelwise, Triq Parisott, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 26666(G), li gie akkuzat talli nhar is-26 ta’ Gunju

2012 ghall-habta ta’ 08:00hrs fi Triq Salvu Gambin, Ghasri, Ghawdex:

1. kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u glied;

2. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi aggredixxa u hebb ghall-persuna ta’ Lewis Mintoff b’oggett iebes (marlocc) u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. J. Cassar MD 2682 mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat, Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat**

Illi, id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni ta’ tlett (3) xhur fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni (fil-parti taghha li tirrigwarda l-aggressjoni u l-hebb ghall-persuna ta’ Lewis Mintoff).

Illi, wara li giet esebita riferta pozitiva tal-imputat, giet milqugha l-eccezzjoni sollevata mid-difiza.

Illi l-imputat ammetta li kien ikkaguna feriti natura hafifa fil-konfront ta’ Lewis Mintoff.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-ewwel (1) imputazzjoni u dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni li tirrigwarda l-aggressjoni u l-hebb ghall-persuna ta’ Lewis Mintoff bhala preskritti u konsegwentement estinti, wara li rat Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ dik il-parti tat-tieni (2) imputazzjoni li tirrigwarda kagunar ta’ feriti ta’ natura hafifa u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ sebghin ewro (€70).

Inoltre, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati taht garanzija personali ta’

elf ewro (€1000) ghal zmien sena fil-konfront ta’ Lewis Mintoff.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------